A.L. 117 ta' l-1999

ATT TA' L-1998 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XXIII TA' L-1998)

Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas Lura lill-Persuni li ma jkunux Residenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 71 u 75 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Ħlas Lura lill-Persuni li ma jkunux Residenti).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Lulju, 1999.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor-

"dritt amministrattiv" tfisser dritt ta' għaxar liri jew erba' fil-mija tal-ħlas lura mitlub, skond liema ikun ogħla;

"persuni li ma jkunux residenti" tfisser viżitaturi *bona fide* li fil-jum tat-tluq ikunu ilhom f'Malta għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur.

(2) Kull espressjoni oħra wżata f'dawn ir-regolamenti għandu jkollha t-tifsir mogħti lilha fl-Att.

Kondizzjonijiet.

3. Għandu jsir ħlas lura ta' taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa fuq oġġetti mixtrija f'Malta minn persuni li ma jkunux residenti lil dawk il-persuni li ma jkunux residenti meta l-oġġetti jinħarġu minn Malta fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri, fil-bagolli akkumpanjati minn dawk il-persuni la ma jkunux residenti, b'dan illi:

(a) l-applikazzjoni ssir fuq il-formola preskritta fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(b) isir il-ħlas ta' dritt amministrattiv li jitnaqqas direttament mill-Kummissarju mill-ammont ta' ħlas lura mitlub;

(ċ) jinħareġ ċertifikat uffiċjali li l-oġġetti jkunu nħarġu minn Malta fil-post tal-ħruġ;

(d) ir-riċevuti fiskali oriġinali li jkunu jirreferu għax-xiri ta' l-oġġetti li dwarhom ikun qiegħed jintalab il-ħlas lura jkunu mehmuża mal-formola preskritta.

Meta ma għandhomx japplikaw dawn ir-regolamenti.

4. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal:

(a) oġġetti ta' konsum li jkunu ġew kollha kemm huma jew f'parti minnhom kunsmati f'Malta;

(b) oġġetti esportati għal għanijiet kummerċjali.

L-anqas limitu.

5. Il-ħlas lura għandu japplika biss għall-oġġetti fejn il-valur ta' dawk l-oġġetti mixtrija minn stabbiliment reġistrat wieħed kif muri fuq riċevuta waħda ma jkunx ta' anqas minn ħamsa u għoxrin lira, u fejn il-valur sħiħ ta' l-oġġetti mixtrija li jirrigwardaw tluq wieħed minn Malta skond ir-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti, ma jkunx ta' anqas minn mitt lira.

Ħlas lura.


6. Ħlas lura approvat isir bil-mezz ta' *draft* impostata fl-indirizz tal-applikanti kif muri fuq il-formola preskritta f'munita li hu nnifsu jkun għażel fuq l-imsemmija formola.

B 875

SKEDA

(Regolament 3)

Referenza Nru:



Dipartiment tat-Taxxa fuq il Valur
Miżjud
Centre Point Building
Triq ta' Paris
B'Kara BKR 13

Applikazzjoni Għal Ħlas Lura ta' VAT fuq Xiri minn Malta

Isem

Kunjom

Indirizz

Belt Kodiċi Postali

Pajjiż

Nru. tal-Passaport Nazzjonalita'

Data tal - Wasla Data tat-Tluq

J J X X S S S S J J X X S S S S

	Deskrizzjoni tax-Xiri	Numru tal-VAT	Valur Lm	Għal Użu Uffiċjali Ħlas lura Dovut
1				
2				
3				
4				
5				
6				
7				

Riċevuti fiskali relattivi huma mehmuza

Nitlob li l-VAT imħallsa fuq l-oġġetti msemmija hawn fuq tinbagħat lili permezz ta' draft fl-indirizz fuq imsemmi fil-munita indikata hawn taħt.

Dollaru Amerikan ☐ Sterlina ☐ Mark Germaniż ☐

Frank Franċiż ☐ Lira Taljana ☐

Firma ta' l-Applikant_____ Data: _____

Għall - Uzu Uffiċjali

Niċċertifika li rajt l-affarijiet hawn fuq imsemmija u jaqblu mad-dikjarazjoni ta' l-applikant

Firma tal-Offiċjal tad-Dwana_____ Data: _____

1 Kopja ghad-Dipartiment tal-VAT

VAT FORM 016/99

B 876

Referenza Nru:

Dipartiment tat-Taxxa fuq il Valur Miżjud
Centre Point Building
Triq ta' Paris
B'Kara BKR 13

Applikazzjoni Għal Ħlas Lura ta' VAT fuq Xiri minn Malta

Isem

Kunjom

Indirizz

Belt Kodiċi Postali

Pajjiż

Nru tal-Passaport Nazzjonalita'

Data tal - Wasla (J J X X S S S S) Data tat-Tluq (J J X X S S S S)

	Deskrizzjoni tax-Xiri	Numru tal-VAT	Valur Lm	Għal Użu Uffiċjali Ħlas lura Dovut
1				
2				
3				
4				
5				
6				
7				

Riċevuti fiskali relattivi huma mehmuza

Nitlob li l-VAT imħallsa fuq l-oġġetti msemmija hawn fuq tinbagħat lili permezz ta'draft fl-indirizz fuq imsemmi fil-munita indikata hawn taht.

Dollaru Amerikan ☐ Sterlina ☐ Mark Germaniż ☐

Frank Franċiż ☐ Lira Taljana ☐

Firma ta' l-Applikant_____ Data: _____

Ghall - Użu Uffiċjali

Niċċertifika li rajt l-affarijiet hawn fuq imsemmija u jaqblu mad-dikjarazjoni ta' l-applikant

Firma tal-Offiċjal tad-Dwana_____ Data: _____

2. Kopja ghall-Applikant